# Il-lapidi li jinsabu fil-knisja tal-Lunzjata tal-Gudja

Fil-bidu tal-ħamsinijiet fil-Knisja Parrokkjali tal-Gudja beda jitqiegħed l-irħam tal-



paviment. L-uniċi lapidi li kien hemm fil-paviment tal-knisja li kienu ta' benefatturi, tneħħew  u tqiegħdu fil-knisja filjali tal-Lunzjata.

Dawn il-lapidi li jinsabu f'nofs din il-knisja jikkonsistu f'sitta kbar bl-iskrizzjoni fuqhom, u waħda żgħira li kienet tgħatti il-bokka tal-kannierja. Din il-lapida żgħira ma ġġib l-ebda skrizzjoni .

Hawn sejrin naraw x'hemm miktub fuqhom.

- **Lapida tal-familja Dalli**




Hawnhekk midfunin

Ġużeppi u Anġlu

Aħwa Dalli,

Qassisin,

Li f'ħajjithom kisbu

Dan il-qabar.

Gratia oħthom

Li xtaqet tindifen

Magħhom

Sebbħet dan il-qabar

B'din il-lapida ta' l-irħam

Fis-sena 1887.

- **Lapida tal-familja Asphar**

Hawn, fejn b'xewqa kbira xtaqet tindifen, tinsab

Anġelika bint Emanuele Bonavia, mill-Belt,

Li kabbret il-kunjom ta' tjubija li rċeviet mingħand missierijietha b'kull virtu,

U quddiem kulħadd idda l-eżempju tajjeb tagħha,

Ta' mħabba li writ lejn Kristu Alla fis-Sagrament Mqaddes

U Lejn Marija Omm Alla.

Hi għenet ħafna s-sefturi fqar tagħha,

U lil uliedha rabbiethom sewwa f'kull virtu`.

Milquta minn marda kiefra, b'kuraġġ kbir għamlet mewta qaddisa

Fit-30 ta' Ġunju 1873

Meta kellha 35 sena 3 xhur u 20 ġurnata.

F'dan il-qabar fejn hi ġibdet warajha l-folla tal-fqar,

Aħna,

Ġovanni Fattulah Asphar, żewġha

Ġovanni binha,



Elisa, Maria u Tereża uliedha bniet,

Mitluqin għan-niket!

Lil marti dejjem qalb waħda miegħi,

Lil ommna l-aktar ħelwa,

Poġġejna.

Anġelika għix f'Alla waqt li tiftakar fina,

Lilna li ħabbejniek aktar mid-dawl t'għajnena.

Fl-istess qabar jistrieħ

Ġovanni Ġużeppi F.H.* Asphar,

Minn Kalkutta, joqgħod Malta,

Li, wara li għadda ħajtu jagħmel il-ġid,

B'mewta kwieta mar is-sema

Fl-4 ta' Diċembru 1897,

Meta kellu 66 sena 4 xhur u 5 t'ijiem.

Hawnhekk Filumena, bint Antonio Caruana, martu,

Flimkien ma' uliedha, mimlija niket, difnuh.

(Nota* Fatullah Hannah)

- **Lapida tal-familja Cassar**

Franġeska DeGiovanni

Bint Pawlu Cassar

Armla ta' drawwiet tajbin

Li ħalliet ħafna flus

Għal opri piji

Mietet 7 ta' Frar tas-sena 1913

Għexet 91 sena 4 xhur u 25 ġurnata

l-eredi tagħha għamluh.



- **Lapida tal-familja Bonavia**

O Marija

Bint l-aktar ħelwa

l-għożża u l-imħabba ta' kulħadd

Lilek

Li wasalt fuq it-tarġa tal-ħajja

O bint tagħna bint tagħna

Għix ma' l-anġli u ftkar f'min  ġabek fid-dinja

Anton Galea u Karmela Bonavia

Li meta kont ħajja

Ħabbejnik

Aktar minn għajnejna

Anton Galea u Karmela Bonavia



Miżżewġin akwistaw dan il-qabar

Fil-5 ta' Settembru 1853

U sebbħuħ għalihom

Għal Filippu Bonavia missier

Il-mara u Ġużeppi binhom biss.

- ## Lapida familja Cini

Mikelanġ bin Antonju Ċini

Għawdxi

Raġel li għall-benefiċjenza tiegħu

Kien jjixraqlu

Akkwista dan il-qabar

Għalih u l-familja tiegħu

U dawk li jġu warajhom.



- ## Lapida tal-familja Balzan

L-aħħar lapida hija dik tal-fmilja Balzan, u sfortunatament mhix fi stat tajjeb. Din il-lapida hija ta' Dun Ġwann Pawl Balzan li kien kappillan tal-Parroċċa tal-Gudja bejn is-sena 1742 u 1766 u l-familja tiegħu. Kien ukoll dan il-kappillan li bil-permess ta' l-isqof Pawlu Alpheran De Bussan bierek din il-knisja tal-Lunzjata nhar is-6 t' April



1755 wara li ġiet mibnija mill-ġdid mill-pedamenti fil-1754. Għalkemm ħafna mill-ittri li kien hemm fuq din il-lapida m'għadhomx jidhru, imma, fortunatament għadu jidher l-isem ta' l-imsemmi kappillan u anki dak t'oħtu Marija kif ukoll parti mid-disinn li fiha bħal berettin u l-istola tal-qassis. Jidher ukoll disinn ħafif ieħor li xi darba din il-lapida kienet toffri. Tajjeb ukoll li wieħed isemmi li din il-lapida meta kienet fil-Knisja Parrokkjali tal-Gudja, kienet quddiem l-artal maġġur eżatt taħt il-lampier.

Referenzi:

Programm tal-Festa ta' Marija Annunzjata Gudja 2001

Programm tal-Festa ta' Marija Annunzjata Gudja 2002

Programm tal-Festa ta' Marija Annunzjata Gudja 2005